**Laqgha Numru 17/K6/2010**

**Introduzzjoni**

Is-Sbatax il-Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2010 li saret nhar l-Erbgha 25 ta' Awwissu 2010.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava, Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fis-17 ta' Awwissu 2010. L-Agenda kienet:

- **01. Approvazzjoni tal-Minuti 16/K6/2010.**
- **02. Punti li johorgu mill-Minuti 16/K6/2010.**
- **03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
- **04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
- **05. Mistoqsijiet.**
- **06. Korrispondenza.**
- **07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**
- **08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
- **09. Kwotazzjoni 15, 16 u 17/2010.**
- **10. Approvazzjoni tal-kontijiet.**
- **11. Materji Ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 16/K6/2010.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 16/K6/2010 kif ipprezentati.

1.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 16/K6/2010.

2.01. B'riferenza ghall-Minuti 16/K6/2010 item 2.01, ghall-Minuti 15/K6/2010 item 2.01 u 2.02, ghall-Minuti 14/K6/2010 item 2.08 u ghall-Minuti 13/K6/2010 item 14.04 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat infurmat lill-Kunsill li hija kienet tilfet il-lapel pin tad-deheb li kien provda l-Kunsill u ghalhekk kienet ipproponiet li tinxtara lapel pin ohra ghaliha, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsill kien ircieva stima minghand F. Buttigieg Jewellers ghall-prezz ta' €168.00 inkluz il-Vat kif ukoll

fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li tintalab stima minghand hwienet ohra nkluz li ssir forma/negattiva sabiex tinzamm mill-Kunsill u tintuza meta jkun hemm il-bzonn kif ukoll fejn is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien informa lill-Kunsill li l-hanut The Gold Market kienu nfurmawh li tigi tiswa €150.00 il-wahda filwaqt li Louis Jewellery infurmah li ghandu jibghat stima, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill ukoll li hadd minnhom ma kien lest li jaghmel il-forma.

2.02. Fid-dawl ta' dan kollu s-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jordna lapel pin tad-deheb minghand The Gold Market ghal-prezz ta' €150.00 jekk ta' Louis Jewellery ma tkunx irhas u jekk il-kwotazzjoni tieghu ma tasalx sa qabel nhar il-Gimgha 3 ta' Settembru.

2.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

2.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4277/10/I** 06/07/2010 Memo 95/2010 - Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2011.

2.05. B'riferenza ghall-Minuti 16/K6/2010 item 6.62 u ghall-korrispondenza numru **46/4277/10/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien talab lill-Kunsilliera sabiex jekk ghandhom xi idea jadduha lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg biex tkun diskussa fil-laqgha li jmiss, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona l'issir Festa Familja bil-partecipazzjoni tas-sezzjoni plant troop tal-Forzi Armati fejn issir open day u waqt din l-open day il-Kunsill jorganizza loghob ghall-familja u zjajjar kulturali fil-Forti ta' Pembroke, il-Batterija u l-Barracks tas-suldati, St. Hurts u l-Commonwealth Graves. Il-kelliem qal li din l-attivita' ghandha tkun miftuha ghall-pubbliku Malti. Il-kelliem ippropona li l-attivita' ghandha ssir f'Marzu/April jew f'Mejju jew f'Ottubru. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li s-sur Matthew Micallef offra volontarjament li jghin f'din l-attivita' wara l-laqgha li saret mieghu u ghalhekk ippropona li l-Kunsill japplika ghal din l-attivita'.

2.06. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

2.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.08. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li huwa mportanti li l-applikazzjoni tkun dettaljata nkluz bl-istimi ta' kemm ser tigi tiswa.

2.09. B'riferenza ghall-Minuti 16/K6/2010 item 6.113 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet irrakkomandat li ghandha tintbaghat e-mail lill-Kunsilli Lokali kollha sabiex jigu nfurmata biex ma jaccettawx hlas ghal dawn ic-citazzjonijiet li nhargu fuq Pembroke u jintalbu jmorru l-Kunsill ta' Pembroke kif ukoll l'issir kampanja ohra edukattiva dwar nhar ta' Tlieta fejn qed jingabar biss skart ghar-riciklagg, is-Sindku Joe Zammit qal li din l-ittra ser issir fil-jiem li gejjien flimkien mac-cirkulari dwar affarijiet ohra. Il-kelliem qal li fil-laqgha li saret ma' GreenPak dan infurmah li ma jsibx oggezzjoni li l-gbir nhar ta' Tlieta jsir filghodu kmieni kif talab il-kuntrattur.

2.10. Is-Sindku Joe Zammit qal li Marthese Portelli minn Datatrak qed taghmel ezercizzju ghal kull Kunsill Lokali sabiex kull min wehel citazzjoni vis-a-vis rimi ta' skart fl-iskips u ghadu ma hallasiex, ser jircievi ittra ta' twissija u ma jkollux ghalfejn ihallas il-multa. Il-kelliem qal li dawk li diga hallsu l-multa hemm possibilita' li jigu rifuzi l-ispejjez lura. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kumitat Kongunt kien ordna l-istickers li ser jehlu fuq l-iskips.

**46/4503/10/I** 19/07/2010 E-mail mill-MED Programmes fejn baghtu l-minuti u dokumenti ufficjali dwar l-ewwel laqgha li saret fuq il-progett MedStrategy gewwa Patti.

2.11. B'riferenza ghall-Minuti 16/K6/2010 item 6.120 u ghall-korrispondenza numru **46/4503/10/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li dan is-suggett kien diskuss fil-laqgha li saret flimkien ma' Jesmond Xuereb u Lawrence Attard, l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jitlob lill-FTZ sabiex l-inizjattivi li hemm bzonn li jkunu nkluza ghandhom ikunu Jum Pembroke u ohrajn li jistghu jahsbu l-Kunsilliera.

2.12. Is-Sindku Joe Zammit issekonda u zied li l-FTZ kienu diga nfurmata bil-Covenant of Mayors u r-rapport tas-Seap.

2.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4528/10/O** 20/07/2010 B'riferenza ghall-email li baghat il-Kunsillier Lauro Fava dwar diversi lmenti li rcieva, l-Kunsill infurmah illi l-Kunsill gieli rraporta l-pulizija rigward l-istorbju li jkun hemm fil-pjazza ta' Triq Pietru D'Armenia.

2.14. B'riferenza ghall-Minuti 16/K6/2010 item 6.137 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet sabiex dan is-suggett ikun diskuss fil-laqgha li jmiss mal-Pulizija, is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill kien ha nota ta' dan.

2.15. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat staqsiet ghala l-iskrivani m'ghadhomx icemplu meta jkun hemm il-laqghat ma' entitajiet ohra, jekk inghatax xi struzzjonjiet biex ma jaghmlux hekk.

2.16. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsilliera kollha jircievu l-lista tal-laqghat izda talab li ghandu jkun zgurat li jsir komunikat mal-Kunsilliera gurnata qabel u dakinhar stess li jkun hemm xi laqghat ma' kull membru tal-Kunsill.

2.17. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli staqsa jekk il-Kunsilliera kienux avzata bil-laqghat li kellhom isiru fil-jiem li ghaddew izda gew ikkancellati.

2.18. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li huwa ma' hareg ebda struzzjoni sabiex ma jsirux telefonati lill-Kunsilliera dwar laqghat kif ukoll kien ser jivverifika ma' l-iskrivana Kirsty Rizzo li hija l-persuna li tikkoordina l-appuntamenti tal-laqghat.

**46/4721/10/I** 30/07/2010 Ittra minghand il-MEPA fejn informaw lill-Kunsill li s-sit ta' Pembroke gie protett bhala zona Specjali ta' Konservazzjoni ta' importanza nternazzjonali skond il-provvediment tar-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjent naturali.

2.19. B'riferenza ghall-Minuti 16/K6/2010 item 6.177 u ghall-korrispondenza numru **46/4721/10/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li r-residenti ta' Pembroke ghandhom ikunu nfurmata b'dan l-izvilupp, is-Sindku Joe Zammit qal li din l-ittra ser issir fil-jiem li gejjien flimkien mac-cirkulari dwar il-gbir ta' l-iskart.

2.20. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jitlob l-intervent tad-Dipartiment ta' l-Artijiet sabiex jigu zgumbrati numru ta' kmamar li jidher li huma okkupati llegalment.

2.21. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

2.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.23. B'riferenza ghall-Minuti 16/K6/2010 item 11.62 fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill jixtri numru ta' Digital Voice Recorders sabiex jintuzaw mill-Kunsilliera sabiex jirrekordjaw il-laqghat tal-Kunsill jew jinxtraw numru ta' USB Pen

Drives sabiex jigi rrekordjat ir-recording fuqhom, is-Sindku Joe Zammit talab lill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat dwar jekk kienetx sabet x'informazzjoni relatata.

2.24. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li sabet hija kienu bl-istess prezzijiet u ghalhekk ikun ghaqli li jinxtraw minn Malta.

2.25. Il-Kunsillier Lauro Fava ssugerixxa li tinxtara pen drive minhabba li huma irhas fil-prezz.

2.26. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li hija ma kienetx lesta li toqghod tistenna wara l-laqgha sabiex tiehu kopja tar-recording minn fuq il-laptop tas-Segretarju Ezekuttiv.

2.27. Wara diskussjoni s-Sindku Joe Zammit ippropona li jinxtraw 2 digital voice recorders sabiex jintuzaw minnu u mill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u pen drive biex tintuza mill-Kunsillier Lauro Fava, liema apparat ghandu dejjem jibqa' propjeta' tal-Kunsill. l-kelliem qal li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ser jibqa' jaghmel uzu mir-recorder li kien qed jintuza mill-Kunsill.

2.28. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

2.29. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Lauro Fava u Joe Brincat astjenew.

2.30. Il-mozzjoni ghaddiet.

2.31. Il-Kunsillier Lauro Fava qal li huwa kien qed jirrinunzja li jaghmel uzu minn pen drive provduta mill-Kunsill.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 65/2010** b'rapport tal-Bord ta' l-Ghazla ghall-kwotazzjonijiet 15, 16 u 17/2010 **(Ara dokument A); Internal Memo 68/2010** b'lista tal-laqghat li saru bejn laqgha riferenza 16/K6/2010 u 17/K6/2010 **(Ara dokument B); Internal Memo 69/2010** b'rapport t'azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 16/K6/2010 u 17/K6/2010 **(Ara dokument C);** Skeda ta' kuntratti li ghandu l-Kunsill **(Ara dokument D)** u Flyer dwar mawra kulturali f'Roccalumera **(Ara dokument E)**

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li dwar il-mawra kulturali f'Roccalumera jidher li l-prezzijiet offruti minn barra minn Malta kienu zbaljati.

4.02. Wara diskussjoni twila dwar it-tornament tal-futbol li hemm ipprogrammat li jsir il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li nhar il-Hamis 26 ta' Awwissu fil-11.00am issir laqgha ma' Pembroke Athleta FN dwar il-possibilita' li jkun hemm tim li jippartecipa fit-tornament ma' Roccalumera bil-possibilita' li jinbidlu l-granet tat-tornament u issa jsir bejn l-ahhar t'Ottubru u l-bidu ta' Novembru. Il-kelliem qal li l-kuncett li jippartecipaw tfal li twildu fil-1992 harget wara diskussjoni li huwa kellu mal-Head Coach ta' Pembroke Athleta, is-sur Alfred Debono.

4.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat u ziedet li l-Kunsill kien iddecieda li bi ftehiem ma' Roccalumera, dan it-tournament kellu jsir kull sena.

4.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.05. Is-Sindku Joe Zammit irrefera ghall-Internal Memos ipprezentati mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg. Il-kelliem informa lill-Kunsill li saru diversi laqghat bejn l-ahhar laqgha tal-Kunsill u din fosthom **Laqgha mal-MEUSAC** rigward applikazzjonijiet ghall-programmi ta' l-EU fejn flimkien mieghu attendew il-Kunsillier Joe Brincat u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg; **Laqgha mas-Sur Fredric Farrugia minn Across Limits** li kellha issir nhar is-17 ta' Awwissu thassret minnaha taghhom u ser issir f'gurnata ohra; **Laqgha mas-Sur Dean Mansueto** rigward l-attivita' fl-Ex Parade Ground ta' Pembroke li kellha issir nhar it-18 ta' Awwissu thassret minnaha taghhom u ser issir f'gurnata ohra; **Laqgha mar-rapprezentant ta' Mampaleo Trading Ltd.** li saret nhar it-18 ta' Awwissu ma' rapprezentant tal-kumpanija fejn flimkien mieghu kien hemm prezenti l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli. Il-kelliem qal li fil-laqgha nghataw booklets u leaflets tal-prodotti li jaghmlu u talbu kwotazzjoni ta' xi items (bhal brieret, biros etc) li jahsbu li jistghu ikunu t'interess ghall-Kunsill, dejjem jekk il-Kunsill japprova li dawn jinxtraw; **Laqgha mar-rapprezentant ta' Parkwell Ltd.** li saret nhar id-19 ta' Awwissu fejn flimkien mieghu kien hemm prezenti l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli fejn spjegaw is-sitwazzjoni rigward il-parking areas f'Pembroke fosthom dwar l-Ex Parade Ground fejn ser isir il-progett tal-Park and Ride u l-parkegg ta' quddiem l-ITS. Il-kelliem qal li l-kumpanija gew infurmata li l-Ex Parade Ground ser ikun immanigjat minn TM u fil-kaz tal-parking ta' quddiem l-ITS il-Kunsill ghandu talba pendenti ghad-devoluzzjoni tas-sit; **Laqgha mas-Sur Matthew Micallef** li saret nhar id-19 ta' Awwissu fejn mieghu kien hemm prezenti ukoll il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli fejn qal li semghu l-proposti tieghu kif ukoll raw CD ta' l-attivitajiet li huwa ha hsieb jorganizza ghall-iskola fejn jattendi t-tifel tieghu. Il-kelliem qal li s-sur Micallef qal li bhala resident ta' Pembroke hija x-xewqa tieghu l'issir festa familja bl-involviment ta' l-ghaqdiet kollha li hawn f'Pembroke. Il-kelliem qal li s-sur Micallef fahhar il-hidma tal-Kunsill u b'mod partikulari tas-Sotto Kumitat li jmexxi l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli fejn qal li kien lest li joffri l-esperjenza tieghu f'dawn l-attivitajiet. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli spjega x'attivitajiet il-Kunsill jorganizza minn zmien ghal zmien u li ser ikun qed jara x'attivita' jista' l-Kunsill jidhol ghaliha matul ix-xhur li gejjien fejn irringrazzja lis-Sur Matthew Micallef ta' l-inkoraggiment tieghu; **Laqgha ma' Sir Anthony's Wines and Spirits** li kellha ssir nhar l-20 ta' Awwissu rigward reklami thassret minnaha taghhom; **Laqgha mal-Korp tal Pulizija sezzjoni Droga** li saret nhar l-20 ta' Awwissu fejn prezenti mieghu kien hemm ukoll il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli filwaqt li ghall-Pulizija kien hemm prezenti Surgent (Mara) u l-kuntistabbli fejn iddiskutew il-problemi li jiltaqa' maghhom il-Kunsill rigward it-tixrid tad-droga fil-lokal u qal l'inghataw taghrif ta' xi azzjonijiet li jistghu jiehdu specjalment fejn jinstabu seringi mormija; **Laqgha mar-residenti ta' Trejqet San Gorg Preca** fejn flimkien mieghu kienu prezenti l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Lauro Fava filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, il-Kunsillier Joe Brincat u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kienu skuzata. Il-kelliem qal li d-diskussjoni principali qamet rigward l-indifferenza ta' certi residenti dwar il-parking fejn tressqu x'idejat ikluz dik li l-Kunsill ircieva minghand l-AO ta' l-LES fejn wara kien hemm qbil li jsiru single yellow lines it-tul tat-triq iz-zewg nahat, jitwahhlu tabelli bil-kliem No Parking except for loading/unloading for 5 minutes fit-tul taz-zewg nahat bhal ma hemm fil-bidu u tarf. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jappova din it-talba kif ukoll li l-Kunsill jitlob laqgha mas-Surgent ta' l-Ghassa ta' San Giljan sabiex il-Kunsill jitlob il-permess li t-Trejqa tkun Clamping Zone. **(Ara dokument F)**

4.06. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

4.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.08. Is-Sindku Joe Zammit qal li saret **laqgha ma' Pembroke Athleta** li saret nhar it-Tlieta 24 ta' Awwissu fejn flimkien mieghu kien prezenti ukoll il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u ghall-klabb Alex Calleja (President), Alex Mifsud (Segretarju), Yvonne Debono (Kaxxiera) u Alfred Debono (Head Coach), Aron Farrugia u Mario Farrugia Periti tal-Korporazzjoni Enemalta u s-sur Louis Muscat Perit tal-klabb kif ukoll **laqgha mas-sur Fredrick Azzopardi ta' Econing** li saret nhar it-Tlieta 24 ta' Awwissu fejn flimkien mieghu kien prezenti ukoll il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli. Il-kelliem qal gew infurmati li l-EU qed theggeg lill-Kunsilli Lokali sabiex jaghmlu r-rapport tas-Seap kif ukoll li l-AKL qed tirsisti sabiex dawk il-Kunsilli li diga ghamluh ikunu jistghu jibbenefikaw mill-fondi allokati. Il-kelliem qal ukoll li hemm fond iehor dwar Sdap (Sustainable Development Action Plan) fejn qal li diversi Kunsilli fosthom Kalkara, Dingli, Naxxar, Birkirkara u San Pawl il-Bahar diga hadu fondi minn din l-iskema li jista' jlahhaq massimu ta' €20,000. Is-Sindku Joe Zammit qal li saret **laqgha ukoll ma' l-HSBC** fejn dawn offrew li jaghmlu lecture ghar-residenti dwar l-uzu ta' l-IT kif ukoll li St. Andrews Branch ser issir ghall-Premier Customers inkluz possibilita' l'issir ATM fil-lokal u x'inizjattivi ambjentali.

4.09. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-HSBC jigu nfurmata li l-Kunsill jixtieq li tigi nstallata ATM fil-lokal, l'issir leaflet sabiex issir laqgha dwar is-servizzi ta' l-E-banking u jintalbu jghinu f'inizjattiva ambjentali li l-Kunsill ghandu l-hsieb jaghmel ma' l-iskola Primarja ta' Pembroke billi jigu nstallati litterbins ghall-iskart irriciklat f'kull sular ta' l-iskola.

4.10. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

4.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.12. Is-Sindku Joe Zammit qal li flimkien mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kellhom laqgha ma' GreenPak u qalu li dan infurmhom li ma jsibux oggezzjoni li l-gbir tal-boroz tar-riciklagg isir filghodu u mhux wara nofsinhar.

4.13. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li jintalab il-parir legali ta' l-avukat dwar jekk jistax jinbidel il-hin tal-gbir ta' l-iskart riciklat minhabba li jkunu qed jinbidlu l-kundizzjonijiet originali tal-kuntratt.

4.14. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

4.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.16. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-laqghat li ghamel riferenza ghalihom is-Sindku Joe Zammit aktar kmieni saru fi granet u hinijiet meta huwa jew kien bil-vacation leave, liema vacation leave kien gie approvat mis-Sindku, minn qabel gew iffissati l-laqghat mis-Sindku Joe Zammit stess, jew sahansitra kien xoghol u ma kienx mistieden li jattendi.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn il-5 u l-25 ta' Awwissu 2010 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/4744/10/I** 02/08/2010 E-mail minghand il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat fejn b'riferenza ghall-progett tal-Kunsill 'Town Twinning Citizens Meeting' li gie accettat, talbet lill-Kunsill sabiex jiltaqa' u jidduskuti ahjar dan il-progett.

6.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4744/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li huwa nfurmat li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qed tahdem fuq dan il-programm u ser tkun qed tinforma lill-Kunsilliera b'dak li tkun ippreparat.

6.03. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsill jekk din l-attivita' hijiex ser tinvolvi nfieq ta' flus lill-Kunsill apparti dawk allokati mill-EU u dan fid-dawl li l-Kunsill kien nehha l-vot allokat ghall-Gemellagg.

6.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li ser issir laqgha nhar it-Tlieta 31 ta' Awwissu 2010 fil-10.30am sabiex jigi diskuss dan il-programm u l-attivitajiet li ser isiru.

**46/4755/10/I** 02/08/2010 E-mail minghand il-KNDP fejn b'riferenza ghat-talba tal-Kunsill, talbu konferma jekk il-bandli humiex ser ikunu harness u li jkun hemm bandli ghal tfal b'dizabilita' taht il-5 snin sabiex ikunu jistghu johorgu l-approvazzjoni.

**46/5157/10/I** 20/08/2010 E-mail mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghal Memo 7/2010 - skema dwar accessibilita' ahjar fil-lokalitajiet 2010 fejn il-Kunsill applika sabiex jinstalla bandla ghall-persuni b'dizabilita' talbu ninfurmawhom bl-izvilupp sa nhar it-Tlieta 24 ta' Awwissu.

6.05. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4755/10/I u 46/5157/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-proposta originali tal-Kunsill kienet biex fil-bandli li hemm fil-Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta li sar fl-1996, wahda mit-tlett bandli li hemm, issir ghall-persuni b'dizabilita'. Il-kelliem qal li l-Kunsill ilu sa minn Frar ghaddej b'din is-saga u issa l-Kunsill gie mitlub biex jew tizdied bandla ohra jew dik mitluba mill-Kunsill issir ukoll ghal tfal ta' taht il-5 snin. Il-kelliem qal li ghalhekk il-Kunsill irid jiddeciedi jekk jibqax jinsisti l'issir wahda minflok dawk ezistenti li kien hemm lura fl-1996 kif kien talab il-Kunsill jew issir wahda kif talbu l-KNPD bi spiza addizjonali l'iridu jinsabu fondi ghaliha jekk ma jinghatawx mill-iskema l'applika ghaliha l-Kunsill.

6.06. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-KNDP mhux qed jitlob l'issir bandla gdida izda li dik l'issir tkun accessibbli ukoll ghat-tfal ta' taht il-5 snin kif ukoll jekk humiex ser ikollhom harness u dan qabel tohrog l-approvazzjoni necessarja.

6.07. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-KNPD ghandhom jintalbu jissottomettu specifikazzjonijiet u lista ta' fornituri li jafu li jissupplixxu bandli simili.

6.08. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4759/10/I** 02/08/2010 Memo 108/2010 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar it-Taxxa u Kontribuzzjoni tas-Sigurta' Socjali fuq l-Allowance lill-Kunsilliera.

6.10. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4759/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4783/10/I** 03/08/2010 Memo 109/2010 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar l-Uzu tal-Mobile Phones u rimburzar iehor.

6.11. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4783/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien infurmah l'issa din id-direttiva jirrizulta li tinkludi ukoll lill-impjegati kollha tal-Kunsill flimkien mas-Sindki, Vici Sindki u Kunsilliera u ghalhekk hadd m'huwa ntitolat ghall-ebda rimburzar la ghall-uzu tal-vettura u lanqas ghall-uzu ta' mobile phone. Il-kelliem qal li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien infurmah li dan kien anke kkonfermah ukoll permezz ta' telefonata li kellu mas-sur Bugelli nhar it-Tnejn 16 ta' Awwissu. Is-Sindku Joe Zammit qal li fid-dawl ta' dan is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informah li b'effett immedjat huwa kien waqaf milli jitlob rimburzar ghal spejjez li kien jaghmel fuq xoghol u qadi tal-Kunsill.

**46/4799/10/I** 04/08/2010 Memo 110/2010 - Sejha ghal Proposti ta' progetti taht il-Fondi Socjali Ewropew fejn ser issir laqgha nhar l-1 ta' Settembru 2010 u ser jattendu s-Sindku Joe Zammit u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

**46/4807/10/I** 04/08/2010 E-mail minghand l-OPM fejn b'riferenza ghas-seminar li ser isir rigward Memo 110/2010 (European Social Fund) baghtu xi dokumenti li huma necessarji ghal dan is-seminar.

6.12. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4799/10/I u 46/4807/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4816/10/I** 05/08/2010 E-mail minghand is-sur Gerald Zammit fejn informa lill-Kunsill li BMW Group flimkien ma' Muscat Motors jixtiequ jorganizzaw attivita' fl-Ex Parade Ground bejn id-29 u l-31 ta' Ottubru 2010.

**46/4831/10/I** 05/08/2010 E-mail minghand il-Kunsillier Lauro Fava fejn b'riferenza ghall-email li rcieva l-Kunsill minghand BMW Group u Muscat Motors ghall-attivita' li jixtiequ jorganizzaw gewwa l-Ex Parade Ground qal li huwa ma jsibx oggezzjoni.

**46/4845/10/I** 06/08/2010 E-mail minghand il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat fejn b'riferenza ghall-attivita' li jixtiequ jaghmlu l-BMW Group flimkien ma' Muscat Motors staqsiet lill-Kunsill meta hija d-data u l-ahjar li tigi diskussa waqt laqgha tal-Kunsill.

**46/4955/10/I** 11/08/2010 E-mail minghand is-sur Gerald Zammit fejn baghat reminder ghall-e-mail li kien baghat fejn talab il-permess tal-Kunsill biex il-BMW Group flimkien ma' Muscat Motors jorganizzaw attivita' ta' road show fl-Ex Parade Ground bejn id-29 u l-31 ta' Ottubru jew bejn il-5 u s-7 ta' Novembru 2010.

6.13. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4816/10/I, 46/4831/10/I, 46/4845/10/I u 46/4955/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jiltaqa' ma' l-organizzaturi nhar il-Gimgha 27 ta' Awwissu fil-11.00am.

6.14. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4817/10/I** 05/08/2010 Artiklu li deher fil-Malta Today rigward l-GRTU u l-agreement li ffirmaw ma' Montenegro.

6.16. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4817/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jaghmel artiklu u jintbaghat lill-gazzetti rigward l-

inizjattiva li kien ha l-Kunsill meta wara l'iffirma l-Partnership/Friendship agreement ma' Cetinje fil-Montenegro, kien strumentali biex laqqa' lid-delegazzjoni li gew mill-Montenegro mal-GRTU fost l-ohrajn u kien minn hawn li bdew ir-relazzjoni li waslet ghal dan l-avveniment.

6.17. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4826/10/I** 05/08/2010 E-mail minghand l-Kunsill ta' Roccalumera fejn infurmaw lill-Kunsill li l-Progett li applikaw ghalih huma (Youth in Action 1.1) ma giex accettat.

6.19. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4826/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4830/10/I** 05/08/2010 Memo 112/2010 - Ratifikazzjoni ta' aktar artikli tal-European Charter of Local Self Government.

6.20. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4830/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4832/10/I** 05/08/2010 E-mail minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn informaw lill-Kunsilli li ser isir tahrig ghall-impjegati tal-Libreriji li l-Kunsilli Lokali huma responsabbli minnhom.

6.21. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4832/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4835/10/I** 05/08/2010 E-mail minghand l-AKL fejn baghtu l-applikazzjonijet ghall-laqgha tas-Sindki u l-Vici Sindki li ser issir fit-22 u fit-23 ta' Ottubru 2010.

6.22. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4835/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.23. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa jekk is-Sindku Joe Zammit u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli jekk humiex ser jattendu ghal din il-Konferenza sabiex ikun jista' jsir il-booking mehtieg.

6.24. Is-Sindku Joe Zammit qal li huwa kien ser jattendi.

6.25. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li ser jaghti risposta aktar tard.

**46/4840/10/I** 06/08/2010 Ittra minghand il-Kumitat Kongunt ghall-Infurzar tal-Ligi fejn baghtu cekk lill-Kunsill bl-ammont ta' €330 ghac-citazzjonijiet mahruga mill-1 ta' Frar sal-31 ta' Lulju 2010.

6.26. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4840/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.27. Il-Kunsillier Joe Brincat ippropona li fondi minn LES u dhul iehor simili ghandhom jigu mwarba sabiex jitkompla l-Gnien ta' San Patrizju.

6.28. Is-Sindku Joe Zammit issekonda biex tkun diskussa il-proposta tal-Kunsillier Joe Brincat.

6.29. Il-Kunsillier Joe Brincat qal li qed jipproponi dan minhabba li x-xoghol kien waqaf u spicca qisu mizbla u b'hekk meta jkun hemm bizzejjed flus ikun jista' jitkompla x-xoghol. Il-kelliem qal li St Patricks spicca l-ghar post fil-lokal.

6.30. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li dawn il-fondi u fondi ohra ghandhom jithallew ghal xoghol urgenti. Il-kelliem qalet ukoll li fuq il-Gnien ta' St Patricks il-Kunsill diga kien nefaq hafna flus.

6.31. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li suppost dawn il-flus ghandhom jitpoggew ghall-Gemellagg u l-attivitajiet socjali minhabba tnaqqis li kien hemm vis-a-vis il-programm tas-SEAP tal Covenant of Mayors. Il-kelliem qal ukoll li l-Kunsill kien missu ppropona allokazzjoni finanzjarja meta kien sar il-Budget ghas-sena 2010.

6.32. Il-Kunsillier Joe Brincat ippropona l-approvazzjoni tal-proposta tieghu sabiex jithallew ghan-nefqa tal-Gnien ta' San Patrizju.

6.33. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

6.34. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn il-Kunsillier Joe Brincat u l-Kunsillier Lauro Fava vvutaw favur, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat vvutaw kontra filwaqt li s-Sindku Joe Zammit astjena.

6.35. Is-Sindku Joe Zammit ghamel uzu mill-casting vote tieghu u vvota kontra. Il-kelliem qal li l-ammont ta' € 330.00 mhux ser jaghmlu differenza ghall-programm li ghandu l-Kunsill ghall-Gnien ta' San Patrizju. Il-kelliem qal ukoll li kif il-Kunsill ikollu konferma minghand Dr. Chris Said dwar jekk jistax isir caqlieq ta' flus minn ring fenced tat-toroq, jekk tigi approvata t-talba tal-Kunsill ikun jista' jibda x-xoghol fil-gnien ta' San Patrizju

6.36. Il-mozzjoni ma gietx approvata.

**46/4842/10/I** 06/08/2010 E-mail minghand Dr. Mark Bugeja fejn baghat kwotazzjoni ghal servizz ta' tabib ghall-impjegati tal-Kunsill.

**46/5003/10/I** 12/08/2010 E-mail minghand is-Sindku Joe Zammit fejn b'riferenza ghall-kwotazzjoni li rcieva l-Kunsill minghand Dr. Mark Bugeja nforma lill-Kunsill li jahseb li ahjar li tikkumenta l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat peress li kienet il-persuna li proponiet li tinhareg is-sejha ghat-tobba.

6.37. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4842/10/I u 46/5003/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li peress li din il-kwotazzjoni kienet waslet wara l-laqgha tal-Kunsill, f'liema laqgha il-Kunsill kien iddecieda li jinhargu kwotazzjonijiet godda, il-Kunsill ghandu jinforma lil Dr. Bugeja li l-kwotazzjoni tieghu ser tkun ikkonsidrata ma' dawk li ghad iridu jidhlu dejjem jekk jissottemetiha ssigillata, liema kwotazzjonijiet jaghlqu nhar it-Tnejn 13 ta' Settembru.

6.38. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ssekondat.

6.39. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4863/10/I** 06/08/2010 E-mail minghand il-Kunsill ta' Roccalumera fejn b'riferenza ghat-tornament tal-futbol baghtu l-prezzijiet ghall-Hotel La Piramide.

6.40. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4863/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4874/10/O** 06/08/2010 E-mail mis-Segretarju lill-Kunsillera fejn il-Kunsill infurmhom li m'hemmx fondi allokati ghat-tornament li ser isir f'Roccalumera taht il-vot tal-gemellagg u fondi ohra ghall-applikazzjoni li giet approvata tat-Town Twinning ghal Dicembru.

6.41. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4874/10/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4878/10/I** 06/08/2010 E-mail/stqarrija li s-Sindku Joe Zammit baghat lill-membri tal-Kunsill u lis-Segretarju fejn skuza ruhu ghall-izball li ghamel li qabad u ffirma d-draft copy tal-ftehim ta' Bergen li kien ircieva l-Kunsill lura 2006 meta kien qed ifittex fil-file biex jipprepara rapport ta' kif graw l-affarijiet matul is-snin b'relazzjoni ma' Bergen Germanja halli jinghata taghrif lil Dr. Chris Said. Talab lill-Kunsilliera biex il-Kunsill jilqa' t-talba tieghu biex tkun ingassata l-firma tieghu u jinkiteb il-kliem "NON OFFICIAL DOCUMENT".

**46/4904/10/O** 09/08/2010 E-mail minghand is-Segretarju Ezekuttiv lill-membri tal-Kunsill fejn gew infurmata li huwa kien baghat e-mail lis-Sindku fit-28 ta' Lulju 2010 rigward il-firma li s-Sindku Joe Zammit ghamel fid-draft copy tal-friendship agreement ma' Bergen minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill.

6.42. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4878/10/I u 46/4904/10/O** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li huwa esagerat dak li qed jghid is-Sindku Joe Zammit li huwa zball minhabba li l-file fejn kien hemm il-ftehim ma jkunx disponibbli ghall-Kunsilliera u ghalhekk ma temminx li gie ffirmat bi zball. Il-kelliema talbet lis-Sindku Joe Zammit jiddikjara jekk iffirmax id-dokument koncernat f'Bergen meta kien hemm dan l-ahhar jew xi dokumentazzjoni ohra.

6.43. Is-Sindku Joe Zammit qal li lest li jahlef li huwa m'iffirma ebda dokument simili la f'Malta u lanqas f'Bergen.

6.44. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li hija thoss li s-Segretarju Ezekuttiv naqas lejn il-Kunsill meta ma nfurmax lill-Kunsilliera meta induna b'dak li kien ghamel is-Sindku.

6.45. Wara diskussjoni s-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jilqa' t-talba tieghu.

6.46. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.47. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.48. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li fic-cirkostanzi huwa kien kiteb ufficjalment lis-Sindku Joe Zammit u kien talbu biex jaghmel dikjarazzjoni fil-Kunsill, qal li hass li kellu jiehu azzjoni ulterjuri jekk kemm il-darba l-istess Sindku jibqa' passiv. Il-kelliem qal li fil-fatt kien ipprepara dokument li ser ikun iccirkolat lill-membri kollha tal-Kunsill dwar kif graw il-fatti kollha nkluz l-istorja tal-proposta tal-ftehim ma' Bergen.

6.49. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li m'hemmx ghalfejn is-Segretarju Ezekuttiv jiccirkola dan issa imma imissu ghamel dan qabel u issa giet milqugha t-talba tas-Sindku biex jigi rrangat l-izball.

**46/4879/10/I** 06/08/2010 E-mail minghand il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat fejn talbet sabiex il-Kunsill ilesti poster sabiex jitqassam fid-djar tar-residenti ghall-mawra kulturali gewwa Roccalumera bejn l-10 sat-13 ta' Settembru 2010.

6.50. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4879/10/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li minhabba z-zmien limitat, din it-talba kienet approvata minn 4 Kunsilliera biex tkun preparata halli tkun lesta sal-laqgha ta' llum 25 t'Awwissu. Il-kelliem ippropona li din it-talba tkun ratifikata.

6.51. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.52. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.53. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli staqsa jekk il-Kunsill kienx ircieva risposta minghand il-GWU ghat-talba tal-Kunsill.

6.54. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li s'issa ghad ma kien hemm ebda twegiba.

6.55. Is-Sindku Joe Zammit talab li tintbaghat reminder.

**46/4901/10/I** 09/08/2010 PQ Numru 18374 li l-Onor, Stefan Buontempo staqsa lill-Onor. Lawrence Gonzi rigward jekk il-Gvern ghamilx xi tip ta' konsultazzjoni mal-Kunsill ta' Pembroke, Naxxar jew Swieqi rigward il-progett tal-White Rocks.

6.56. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4901/10/I** is-Sindku Joe Zammit irrefera ghad-dokument immarkat 'O' li kien ipprezenta mis-Segretarju Ezekuttiv fil-laqgha precedenti riferenza 14/K6/2010 li saret nhar it-23 ta' Gunju fejn rega' fakkar lill-Kunsilliera li l-ghada li saret il-prezentazzjoni tal-progett f'Kastilja, huwa rcieva telefonata minghand is-Segretarju Parlamentari l-Onor. Clyde Puli fejn dan talab l'issir laqgha mas-Sindku u mal-Vici Sindku li huwa responsabbli mill-qasam Sportiv. Il-kelliem qal li fil-laqgha s-Segretarju Parlamentari skuza ruhu ghall-fatt li Pembroke ma kienx mistieden ghall-prezentazzjoni. Is-Sindku Joe Zammit qal li fil-laqgha nghataw spjega tal-progett kif ghamel il-Prim Ministru f'Kastilja u qal li huma talbuh biex ufficjalment jaghmel zjara lill-Kunsill fejn qal li fil-fatt wieghed li ser ikun qed jaghmel kuntatt mal-Kunsill ghal din il-laqgha, liema laqgha sallum ghada ma saritx.

6.57. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li ghalkemm fil-granet indikata huwa kien xoghol, huwa qatt ma kien gie nfurmat b'din il-laqgha wisq aktar bl-ezitu taghha. Il-kelliem qal li d-dokument li qed jaghmel riferenza ghalih is-Sindku Joe Zammit kien gie downloaded minnu fuq inizjattiva personali sabiex il-Kunsill ikun jaf x'kien qed jigi propost mill-Gvern.

**46/4902/10/I** 09/08/2010 PQ Numru 15276 li l-Onor. Censu Galea staqsa lill-Onor. George Pullicino rigward taghrif fuq gonna li qed jigu mibnija.

6.58. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4902/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li fir-risposta tieghu l-Onor. Pullicino semma gnien f'St. Andrews f'Pembroke. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill ghandu jitlob kjarifika ta' fejn huwa s-sit.

6.59. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.60. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4905/10/I** 09/08/2010 E-mail ta' informazzjoni minghand il-librar Simon Cutajar li huwa gabar meta kien mitlub isib informazzjoni rigward servizz ta' photo copies li jitolbu klijenti tal-librerija. Informa lill-Kunsill li normalment libreriji ohra jiccargjaw 5c jew 7c ghal A4 u 10c ghal karta A3.

**46/4949/10/I** 10/08/2010 E-mail minghand il-librar Simon Cutajar fejn informa lill-Kunsill li hareg 150 ktieb fix-xahar ta' Lulju li qatt ma kienet u qed jissugerixxi li jibda jaghti servizz ta' photocopy u xiri ta' kotba.

**46/5013/10/I** 12/08/2010 E-mail minghand is-sur Joe Debattista mid-Dipartiment tal-Libreriji fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill dwar servizz ta' photocopies informa lill-Kunsill li ma fiha xejn hazin sakemm l-uzu ma jkunx ghal finijiet kummercjali jew isir kopja tad-dokument jew il-ktieb kollu.

6.61. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4905/10/I, 46/4949/10/I u 46/5013/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dan l-item kien diskuss fl-ahhar laqgha fejn

il-Kunsill kien qabel fuq proposta tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat fejn il-Kunsill talab parir legali fuq il-copy rights u fotokopji ta' kotba.

**46/4943/10/I** 10/10/2010 Kwotazzjoni minghand is-Sur Shawn Farrugia ta' €800 ghal qlugh ta' 8 palmiet minn Triq Patri Indri Vella u nhawi ohra madwar Pembroke.

6.62. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4943/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jinforma lid-Dipartiment li biex jinqalghu dawn il-palmi u ohrajn fil-futur, il-Kunsill ghandu bzonn jiehu fondi mill-vot tat-toroq. Il-kelliem ippropona ukoll li d-Dipartiment jigi nfurmat li sallum, it-talba tal-Kunsill li l-vot ta' l-ambjent jigi rivedut ghax meta kkomparat ma' ta' Kunsilli ohrajn bl-istess popolazzjoni huwa baxx hafna, ghad ma gietx milqugha. Il-kelliem qal li dan qed johloq nuqqas ta' fondi taht dan il-vot u li kieku, kien ikollu bizzejjed biex isir xoghol bhal dan. Il-kelliem qal li dan in-nuqqas qed jirrifletti u huwa konsegwenza tat-talba tal-Kunsill biex jiehdu fondi minn voti ohra ghax-xoghol ambjentali f'Pembroke.

6.63. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat u qalet li d-DLG ghandu jigi nfurmat li l-problema tal-palm infettat hija pjaga partikulari ghall-lokal minhabba l-ammont kbir ta' palm li hemm, liema palm hafna minnu ghandu numru kbir ta' snin u ghalhekk l-ispiza u l-hsara hija akbar.

6.64. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4945/10/I** 10/08/2010 Kopja ta' ittra li l-Perit Sandra Magro baghtet lis-Sanita' dwar l-ilma mahmug li hiereg fi Triq il-Kurunell Cocks fejn talbet sabiex jinvestigaw il-problema u tigi identifikata sid il-post biex tirrenga l-hsara.

6.65. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4945/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4948/10/I** 10/10/2010 E-mail minghand Paulina Lonnroth mill-ECAD fejn informat lill-Kunsill li l-speakers ikkonfermaw kollha li se jippartecipaw u ghandha tinforma lill-Kunsill bl-informazzjoni meta se jaslu u talbet inzommu xi kmamar fil-Kempinski.

6.66. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4948/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li s-Segretarju Ezekutiv Kevin Borg qed jiehu hsieb dan ix-xoghol. Intant il-kelliem ippropona li bhala partners mas-Segretarjat ta' l-Onor. Chris Said f'din il-konferenza, il-Kunsill ghandu jikri vettura 7 seater ghal dawn it-tlett ijiem ta' xoghol u tragit tal-Kunsilliera u s-Segretarju Ezekuttiv ghal matul din il-konferenza. Il-kelliem ippropona ukoll li l-biljett tal-vapur ghad-delegazzjoni tal-Kunsill ghandhom jithalsu mill-fondi tal-Kunsill.

6.67. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.68. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.69. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrakkomanda lill-Kunsill li qabel jiehu decizjoni jkun ghaqli li jkun deciz jekk il-membri kollha humiex ser jattendu ghall-Konferenza u dan minhabba l-fatt li jekk il-membri kollha ser jattendu nkluz huwa, vettura wahda taf ma' tkunx bizzejjed kif ukoll sabiex ikun jista' jsir il-booking mal-lukanda.

6.70. Is-Sindku Joe Zammit qal li huwa ser juza il-vettura tieghu.

6.71. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li ghalissa jidher li mhux ser jattendi.

**46/4952/10/I** 10/08/2010 Memo 114/2010 - Linji ta' gwida dwar zbir ta' sigar.

6.72. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4952/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera kif ukoll li kopja tieghu ntbaghtet ukoll lis-sur Shawn Farrugia.

**46/4960/10/I** 11/08/2010 E-mail mill-MEUSAC fejn baghtu dokumentazzjoni mportanti dwar l-gheluq tar-rapport ta' town twinning citizens meeting u jekk il-Kunsill ma jobdix mad-dokumentazzjoni ma jinghatax ir-rimburzar ta' fondi mill-EU.

6.73. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4960/10/I** is-Sindku Joe Zammit talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex jiehu hsieb dawn id-dettalji.

6.74. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li huwa mportanti li min ser ikun responsabbli mid-delegazzjoni li gejja minn Roccalumera jimxi strettament mal-linji ta’ gwida mitluba halli ma jkunx hemm problemi ghar-rifuzjoni.

**46/4962/10/I** 11/08/2010 E-mail mis-Segretarjat ta’ Dr. Chris Said fejn informaw lill-Kunsill bl-laqgha li ser issir ghas-Segretarji nhar l-Erbgha 25 ta' Awwissu bejn il-11.30am u 12.30pm fil-Kunsill Lokali B'Kara dwar il-web portal.

6.75. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4962/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5002/10/I** 12/08/2010 Applikazzjoni mill-MEPA (PA 03800/10) ghall-kostruzzjoni ta' bocci pitch.

6.76. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5002/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera u ppropona li l-Kunsill jitlob laqgha ma’ l-Onor. George Pullicino sabiex tintalab l-ghajnuna tieghu sabiex ikun jista’ jsir il-hlas ghall-applikazzjoni ghall-izvilupp.

6.77. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.78. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5004/10/I** 12/08/2010 Artiklu li deher fuq il-gazzetta Times of Malta dwar ice cream vendor fights for parking slot.

6.79. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5004/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5011/10/I** 12/08/2010 E-mail mis-Segretarjat ta’ Dr. Chris Said fejn b'riferenza ghall-memo 45/2010 dwar public private partnership fuq toroq informaw lill-Kunsill li sallum il-Gvern alloka fondi lil 28 Kunsill ghal 230 triq fuq din l-iskema u ser ikomplu jipprocedu fil-jiem li gejjien u gie assenjat is-Sur Joe Tabone.

6.80. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5011/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jerga’ jikteb b’riferenza ghat-talba li kienet saret sabiex il-fondi allokati ikunu jkopru ukoll ix-xoghol fuq il-bankini.

6.81. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.82. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5019/10/O** 12/08/2010 E-mail li l-Kunsill baghat lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali bil-formola mitluba dwar il-korsijiet tal-life long learning.

6.83. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5019/10/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5036/10/I** 13/08/2010 Dettalji taz-zewg studenti li kienu residenti ghand Spracchaffe u hazzew b’kitba offiza fuq notices tal-Kunsill fuq barra.

6.84. B'riferenza għall-korrispondenza numru **46/5036/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien ghamel rapport l-Ghassa ta' San Giljan dwar dan il-kaz.

6.85. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li kopja tar-rapport ghandha tintbaghat lis-Sur Martin Bugelli sabiex issostni t-talba tal-Kunsill li jitnehha l-Wifi wara l-hin ta' l-Ufficcju.

6.86. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat u ziedet li d-Dipartiment ghandu jigi nfurmat bit-talba li kien ghamel il-Kunsill sabiex il-kumpaniji ta' l-istudenti jikkontribwixxu finanzjarjament ghall-hsarat li jaghmlu l-klijenti taghhom u d-Dipartiment kien talab li din tigi rtirata ghalkemm il-Kunsill meta ha d-decizjoni kien qed jipprevedi l-hsara l'issir minn zmien ghal zmien.

6.87. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.88. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet ukoll li tintbaghat reminder sabiex issir il-laqgha mal-FELTOM.

**46/5037/10/O** 13/08/2010 E-mail lis-sur Lawrence Attard mill-FTZ fejn il-Kunsill infurmah illi kif diga kien diskuss mas-Sur Jesmond Xuereb il-Kunsill ghandu japplika ghall-ko-finanzjament skond id-dokumentazzjoni annessa.

**46/5044/10/I** 13/08/2010 E-mail minghand l-FTZ fejn b'riferenza ghall-email li baghat il-Kunsill dwar l-applikazzjoni ghall-ko-finanzjament talbu lill-Kunsill biex jibghat xi dokumenti.

6.89. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5037/10/O u 46/5044/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-informazzjoni mitluba kienet intbaghtet.

**46/5065/10/I** 16/08/2010 Ittra minghand l-Awtorita' tad-Djar jinfurmaw lill-Kunsill li l-hsara li hemm fil-kaptelli tal-culvert li hemm fil-bankina ta' Trejqet San Gorg Preca hija responsabilita' ta' l-entitajiet li jaghmlu uzu mill-culvert minhabba li l-hsara li kien hemm kienet giet irrangata lura fis-2006.

6.90. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5065/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Kunsill kien ircieva komunikazzjoni minghand l-entitajiet kollha koncernata li ghandhom is-servizzi fil-culvert li jghidu li hadd minhom m'huwa responsabbli ghall-hsarat li saru.

6.91. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li minn spezzjoni li ghamel jirrizulta l'illum il-gurnata jidher li m'hemm ebda kaptella miksura, ticcaqlaq jew mhux f'postha.

**46/5076/10/I** 16/08/2010 E-mail minghand resident li joqghod fi Triq Mons. Alfredo Mifsud fejn qieghed jistaqsi jekk il-marki sofor li hemm skond ir-ritratt li baghat quddiem Plot 46 u 48 fl-istess Triq humiex skond il-ligi u jekk inzebghux mill-Kunsill jew inkella abbuzivament.

6.92. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5076/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-linji gwida li kien ircieva l-Kunsill mill-AKL tistabbilixxi qisien li ghandhom jindikaw b'zebgha l-kaxxi ghall-parkegg u jindikaw ukoll il-metru clearance li ghandu jkun hemm quddiem garage, driveway jew sqaq. Il-kelliem qal li f'dan il-kaz ghalkemm m'hemmx bizzejjed spazju biex toqghod kaxxa mmarkata bajda, tista' xorta wahda tkun immarkata bajda ghax karozza zghira bhal Mini jew Ka jew Smart toqghod. Ghalhekk il-kelliem ippropona biex ikun immarkat bl-abjad il-parking bay u jigu nfurmata r-residenti ta' l-istess Triq li hadd m'ghandu jipparkja karozza f'kaxxa bajda jekk din tkun kbira hafna li taqbez it-tul tal-kaxxa.

6.93. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.94. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.95. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li r-residenti tat-triq ghandhom jigu nfurmata li l-Kunsill ser jiehu passi kontra min jinqabad li jibdel il-marki tat-traffiku u jkollu jhallas ghad-danni li jaghmel.

**46/5104/10/I** 17/08/2010 Ittra minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar l-Onorarja li qed jircievu s-Sindki u l-Allowance li qed jircievu l-Kunsilliera.

6.96. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5104/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5107/10/I** 17/08/2010 E-mail minghand is-sur David Soler mill-Kumitat Kongunt ghall-Infurzar tal-Ligi fejn b'riferenza ghat-telefonata li kellu mas-Sindku dwar il-parkegg ta' vetturi fit-Trejqet San Gorg Preca ssugerixxa lill-Kunsill li jsiru single yellow line tul taz-zewg nahat tat-triq u bil-permess tal-Pulizija jitwahhlu tabelli ta' clamping.

6.97. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5107/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5110/10/I** 17/08/2010 Ittra minghand Luxol FC jinfurmaw lill-Kunsill li ma jistghux jippartecipaw fit-tornament li ser isir f'Roccalumera.

**46/5038/10/O** 13/08/2010 E-mail lill-Melita Football Club fejn il-Kunsill staqsihom jekk humiex interessati li jiehdu sehem fit-tornament tal-futbol gewwa Roccalumera fi Sqallija.

**46/5123/10/I** 18/08/2010 E-mail minghand il-Melita Football Club fejn irringrazzjaw lill-Kunsill ta' l-istedina li saret izda nformaw lill-Kunsill li mhux se jippartecipaw fit-tornament tal-futbol gewwa Roccalumera.

**46/5127/10/O** 18/08/2010 Ittra li l-Kunsill baghat lil Roccalumera fejn gew infurmata li ghal din is-sena l-Kunsill mhux ser jippartecipa fit-Tornament tal-Futbol minhabba li hadd mit-3 klabbs lokali ma jista' jippartecipa.

6.98. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5110/10/I, 46/5038/10/O, 46/5123/10/I u 46/5127/10/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li wara li l-Kunsill ircieva e-mail minghand Roccalumera jitolbu lill-Kunsill informazzjoni dwar id-delegazzjoni kif ukoll fid-dawl tal-komunikazzjoni li l-Kunsill ircieva minghand il-Luxol FC u l-Melita FC, u wara li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli li huwa responsabbli mill-isports qabdu sabiex jinforma lil Roccalumera li t-tornament ghal din is-sena mhux ser isir, il-kelliem qal li kien ikkomunika permezz t'email ma' Roccalumera biex ma jidhlux f'xi spejjez fuq xi depozitu li jistghu jaghmlu ghal xi attivitajiet li forsi hasbu ghal din il-mawra kieku saret. Il-kelliem qal ukoll li sallum Pembroke Athleta Sports Club ghad m'irrispondewx l-email li baghat il-Kunsill fil-bidu jistieden lil dawn biex jiehdu sehem, l-anqas biss baghtu ittra ufficjalment li ma jistghux jiehdu sehem izda nfurmaw biss verbalment lill-Vici Sindku. Is-Sindku Joe Zammit qal li dan mhux mod kif bir-rispett kollu jittrattaw lill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli li jiehu hafna hsieb l-interessi taghhom kif ukoll lill-Kunsill.

**46/5112/10/I** 17/08/2010 Email minghand CT Courses jinfurmaw lill-Kunsill l'accettaw il-proposta tal-Kunsill sabiex jitqassam materjal infilzat ma' flyers tal-Kunsill.

6.99. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5112/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jiltaqa' ma' rapprezentanti ta' din il-kumpanija.

6.100. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.101. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5117/10/I** 18/08/2010 Ittra minghand Pembroke Athleta Sports Club jitolbu laqgha mal-Kunsill dwar l-izvilupp propost quddiem il-klabb fi Triq Tunis.

6.102. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5117/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li l-laqgha saret nhar it-Tlieta 24 ta' Awwissu.

6.103. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li ghalkemm il-laqgha saret fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill, huwa ma kienx mistieden jattendi ghall-laqgha ghalkemm kien xoghol.

**46/5124/10/I** 18/08/2010 Ittra minghand il-familja Muscat ta' Triq il-Fortizza jinfurmaw lill-Kunsill li ma jixtiequx li tehel lampa tad-dawl bejn id-dar taghhom u dik tal-girien.

6.104. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5124/10/I** is-Sindku Joe Zammit irrakkomanda li l-Kunsill isib post alternattiv.

6.105. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-familja biswit s'issa ghad ma rrispondietx l-ittra tal-Kunsill.

**46/5126/10/I** 18/08/2010 Ittra minghand il-librar Simon Cutajar jinforma lill-Kunsill li nhar il-Hamis 26 ta' Awwissu l-librerija mhux ser tiftah minhabba mpenji li ghandu huwa personalment.

**46/5154/10/I** 20/08/2010 E-mail minghand il-librar Simon Cutajar fejn informa lill-Kunsill li kien hemm bizzejjed zmien li nforma l-Kunsill li ma jistax jiftah il-librerija u ma kienx jiddependi minnu mill-ghazla tal-gurnata li l-haddiema ghazlu li jmorru jahdmu ghandu u kien jippretendi li jigi trattat ahjar meta wiehed jara s-sieghat b'xejn li jiddedika.

6.106. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5126/10/I u 46/5154/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.107. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li s-sur Cutajar ghandu attegjament mhux dejjem korrett lejn il-Kunsill.

**46/5130/10/I** 18/08/2010 Memo 116/2010 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar Protokol Lokali u Regjonali.

6.108. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5130/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li kif mitlub il-Kunsill ghandu jibghat kopja ta' dan il-protokol lil kull ghaqda sportiva, skola u kull entita' fil-lokal biex b'hekk ikunu jafu l-protokol ghal meta jistiednu lill-membri tal-Kunsill ghal xi attivita'.

6.109. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.110. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5143/10/I** 19/08/2010 E-mail li l-Kunsill baghat lis-Sur Mark Mizzi mis-Segretarjat ma' Dr. Chris Said fejn giet ikkonfermata l-laqgha ma' l-Onor Dr. Chris Said nhar l-Erbgha l-1 ta' Settembru 2010 rigward il-kuntatti mill-Konferenza ta' l-ECAD.

6.111. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5143/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-laqgha ser issir nhar l-Erbgha l-1 ta' Settembru 2010 fl-4.30pm, Kastilja.

**46/5149/10/I** 20/08/2010 Ittra minghand id-Direttur Generali Martin Bugelli fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill dwar is-sistema tal-WIFI nforma lill-Kunsill li t-talba ma tistax tintlaqa' minhabba li dan kien sar apposta biex iservi lir-residenti u l-pubbliku ngenerali u ssugerixxa biex nohorgu b'ideat li jistghu isebbhu l-ambjent tal-madwar.

6.112. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5149/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5157/10/I** 20/08/2010 Kopja ta' e-mail li l-Kunsill ta' San Giljan baghat lis-Sur Martin Bugelli fejn talab gwida ta' min ghandu jiehu hsieb il-bankina ta' Triq Emmanuel Decelis minhabba li taqa' fil-konfini ta' San Giljan u r-residenti huma fuq Pembroke.

6.113. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5157/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

## 7. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-Kunsilliera ghall-minuti ta' l-ahhar laqgha tal-LES.

## 8. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li ma kien hemm xejn gdid.

## 9. Kwotazzjoni 15, 16 u 17/2010.

9.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona sospenzjoni ta' l-agenda sabiex item 10 jigi diskuss qabel 9.

9.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

9.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. Tiġdid u/jew ħruġ ta' tenders li ser jiskadu.

10.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill bl-iskadenzi tad-diversi tenders li ghandu l-Kunsill fosthom Tender 03/07 - **Upkeep & Maintenance of Road Markings** (Koptasin) li jiskadi l-perjodu tieghu; Tender 01/08 - **Professional Services of an Architect & Civil Engineer** li jaghlaq fit-30 ta' Novembru u jista' jiggedded ghal sena ohra (Perit Kevin Fsadni); Tender 02/08 - **Maintenance Construction & Reconstruction of Roads & Pavements** li jaghlaq fit-30 ta' Novembru u jista' jiggedded ghal sena ohra (J&K Contractors); Tender 03/08 - **Maintenance Construction & Reconstruction of Roads** li jaghlaq fit-30 ta' Novembru u jista' jiggedded ghal sena ohra (Ells Urban Services); Tender 04/08 - **Cleaning and Embellishment Services of Urban, Non Urban and Open Areas within Pembroke Boundary** li jaghlaq fit-30 ta' Novembru u jista' jiggedded ghal sena ohra (Shawn Farrugia); Tender 05/08 - **Upkeep & Maintenance of Traffic Signs** li jaghlaq fit-30 ta' Novembru u jista' jiggedded ghal sena ohra (Koptasin); Tender 06/08 - **Cleaning & Maintenance of Parks & Gardens** li jaghlaq fit-30 ta' Novembru u jista' jiggedded ghal sena ohra (Shawn Farrugia); Tender 05/09 - **Collection of Bulky Refuse** li jaghlaq fit-30 ta' Novembru u jista' jiggedded ghal sena ohra (Charles Mifsud); Tender 06/09 - **Watering of Trees** li jaghlaq fit-30 ta' Novembru u jista' jiggedded ghal sena ohra (Ronald Bezzina) u Servizz ta' Librar – li jaghlaq fil-11 ta' Ottubru u jista' jiggedded (Simon P. Cutajar).

10.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li tender 01/2008, 02/2008, 03/2008, 04/2008, 05/2008, 06/2008, 05/2009 u 06/2009 jigu mgedda ghall-perjodu ta' sena halli l-Kunsill izomm l-istess rati li ghandu prezentament.

10.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.04. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutaw favur, il-Kunsillier Lauro Fava vvota kontra u l-Kunsillier Joe Brincat astjena.

10.05. Il-mozzjoni giet aprovata.

10.06. Il-Kunsillier Lauro Fava qal li l-gonna u l-open areas mhux qed jinzammu nodfa bizzejjed skond il-kuntratt u kien ghalhekk li vvota kontra li jiggeddu l-kuntratti. Il-kelliem qal li hemm hgieg fi Triq Cassino l'ilu snin hdejn il-bus shelter.

10.07. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li tender 03/2007 ghandu jerga' jinhareg, li l-mizata tat-tender tkun ta' € 50.00 u jsiru l-avvizi kif kien approva l-Kunsill kif ukoll li l-kuntratt ikun ghal sena li jista' jigi mgedded ghall-istess perjodu sa massimu ta' 3 snin.

10.08. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

10.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.10. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li dwar is-servizz ta' librar ghandha ssir laqgha mieghu u l-kuntratt jerga' jigi diskuss f'laqgha ohra.

10.11. Hadd ma ssekonda l-proposta.

10.12. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli staqsa jekk hux sew li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg wiegeb l-ittra tas-sur Cutajar minghajr ma kien hemm l-approvazzjoni tal-Kunsill.

10.13. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li ma jhoss li ghamel xejn hazin li kortezament irrisponda ittra lill-librar tal-Kunsill fejn intalab jinforma lill-Kunsill aktar kmieni qabel jaqbad u jiehu decizjoni li ma jiftahx il-librerija.

10.14. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal l'inkitbet ittra wkoll lill-Pembroke Athleta minghajr ma kien jaf il-Kunsill.

10.15. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li huwa ma kiteb ebda ittra lill-Pembroke Athleta f'dawn l-ahhar jiem izda kien is-Sindku Joe Zammit li ghamel dan.

10.16. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli staqsa lis-Sindku Joe Zammit jekk kienx jaf li saret laqgha qabel ma baghat l-ittra lill-Pembroke Athleta.

10.17. Is-Sindku Joe Zammit qal li ma kienx jaf.

10.18. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lis-Sindku Joe Zammit li qabel intbaghatet l-email huwa kien ikkomunika mieghu u nfurmah bil-kommunikat verbali li kellu mas-sur Alfred Debono meta kien bit-tifel fil-klabb fejn qal li huwa kien talab lis-sur

Debono li ghalkemm qed ikellmu (lis-segretarju) xorta Pembroke Athleta ghandhom jibghatu l-kommunikat taghhom bil-miktub.

10.19. Is-Sindku Joe Zammit stqarr li xorta wahda l-Kunsill kien ghadu ma rcieva xejn bil-miktub minghand Pembroke Athleta u kien ghalhekk li xorta wahda baghat email jiprotesta li l-Kunsill ma kienx mistieden ufficjalment ghall-laqgha li kien hemm bejn Pembroke Athleta u l-Korporazzjoni Enemalta.

10.20. Is-Sindku Joe Zammit qal li fil-laqgha li kellu ma' Pembroke Athleta huwa kien informa lis-sur Alfred Debono li mhux sewwa li l-Kunsill ma kienx infurmat.

10.21. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li tinhareg sejha pubblika ghas-servizz ta' librar.

10.22. Ghal xi hin deher li hadd ma kien ser jissekonda l-proposta tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u esklamat li ma tistax tifhem kif jista' jahdem il-Kunsill.

10.23. Wara ftit il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda l-proposta tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat.

10.24. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava u l-Kunsillier Joe Brincat astjenew.

10.25. Il-mozzjoni ghaddiet.

10.26. Il-Kunsillier Lauro Fava qal li s-sur Cutajar kien professjonali f'xoghlu ghalkemm mhux l-istess fir-relazzjoni tieghu mal-Kunsill.

## 9. Kwotazzjoni 15, 16 u 17/2010.

9.04. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrefera lill-Kunsill ghall-Internal Memo 59/2010 u 63/2010.

9.05. Is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill jissospendi l-laqgha halli jkun jista' jiltaqa' l-Bord ta' Ghazla dwar Kwotazzjonijiet 15, 16 u 17/2010.

9.06. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

9.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

***9.08. Il-laqgha giet sospiza fid-9.20pm.***

***9.09. Il-laqgha tkompliet fit-8.38pm.***

9.10. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda dwar il-**Kwotazzjoni 15/2010 – Servizz ta' Accountant** il-Kunsill ghandu jitlob il-parir tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar jekk huwiex il-kompitu tas-Segretarju Ezekuttiv li jzomm l-Accounts tal-Kunsill kif ukoll li decizjoni ghandha tittiehed wara r-risposta tad-Dipartiment.

9.11. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jaccetta l-proposta tal-Bord.

9.12. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

9.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.14. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li dwar il-**Kwotazzjoni 16/2010 – Supply, install, commission of Palm Reader** jiltaqa' ma' l-offerenti sabiex ikun jista' jevalwa aħjar il-proposti.

9.15. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill japprova l-proposta tal-Bord.

9.16. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

9.17. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, l-Kunsillier Lauro Fava u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Joe Brincat astjena.

9.18. Il-mozzjoni ghaddiet.

9.19. Il-Kunsillier Joe Brincat qal li kien astjena fid-dawl li l-Kunsill ma kellux flus ghal certu progetti u xoghlijiet izda ser ikollu flus ghal nefqa t'aktar minn €1,600 sabiex isir palm reader.

9.20. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li **Kwotazzjoni 17/2010 – Day Cruise around the Maltese Islands** tigi rtirata minhabba li m'ghadx kien hemm il-bzonn. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill jaccetta r-rakkomandazzjoni tal-Bord.

9.21. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11. Approvazzjoni tal-kontijiet.

11.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dokument G u H)**

11.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha ghajr ta' Alternative Technologies Ltd. sakemm dan ikun approvat mill-Perit tal-Kunsill u/jew mill-inginier li gie mqabbad mill-Perit stess sabiex jassistih jasal ghall-konkluzjoni tal-progett, il-kont tal-MEPA ghandu jibqa' pendenti u l-kont ta' Allways Clean minhabba li l-kuntratt li ghandu l-Kunsill huwa ma' Philip Seguna u mhux mal-kumpanija tieghu.

11.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12. Materji ohra.

12.01. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jitlob stima minghand J&K Contrcators sabiex jigi rrangat il-hajt li hemm fi Triq Cassino kantuniera ma' Triq Burma.

12.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ghamlet riferenza ghad-decizjoni li kien ghamel il-Kunsill sabiex tinxtara pjaneta ghall-Kappillan lura f'Minuti 08/K6/09 fejn qalet li din ghandha tinxtara sa qabel il-laqgha li jmiss tal-Kunsill.

12.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ghamlet riferenza ghad-diversi residenti li ghad qed johorgu l-iskart fil-borza s-sewda nhar ta' Tlieta fejn talbet li tintbaghat cirkulari lir-residenti sabiex jergghu jigu nfurmata.

12.06. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li l-persuni mill-ETC assenjati mal-Kunsill kull nhar ta' Tlieta qed jigbru dettalji ta' fejn qed jinhareg l-iskart u qed tigi mpustata lilhom ittra fejn qed jigu mitluba biex jikkoperaw.

12.07. Is-Sindku Joe Zammit qal li wara t-Tlieta li gejja huwa kien ser javvicina lil kull familja li mhux qed tippartecipa.

12.08. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ilmentat li fit-triq li taghti ghall-impjant ta' RO qed ikun hemm tank kbir tal-hadid mimli b'hafna skart.

12.09. Is-Sindku Joe Zammit qal li dan kien tnaddaf.

12.10. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet sabiex isir komunikat mal-Beach Cleaners sabiex jitnaddaf is-sellum tal-bahar li hemm fil-bajja mill-hafna haziz u haxix jizloq kif ukoll li jitwahhal sewwa ghax qed jiccaqlaq.

12.11. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet sabiex l-affarijiet li jinxtraw ta' l-ikel ghal waqt il-laqgha jinzammu fl-ufficcju tal-Kunsilliera jew fil-kcina.

***12.12. Il-Kunsillier Joe Brincat fid-9.43pm talab li jigi skuzat u halla l-kamra.***

12.13. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li nhar is-Sibt 10 ta' Settembru l-Kunsill jorganizza BBQ ghar-residenti.

12.14. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.16. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li tigi rrangata mera miksura li hemm fi Triq Tunis quddiem Tunis House.

12.17. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

12.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

***12.19. Il-Kunsillier Lauro Fava fid-9.48 pm talab li jigi skuzat u halla l-kamra.***

12.20. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li GreenPak jintalbu jipprovdu stima ta' litter bins tas-separation sabiex jitpoggew fl-iskola primarja tal-lokal.

12.21. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

12.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.23. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob stima lill-J&K Contractors sabiex issir bazi tal-konkos u hajt madwarha fi Triq Burma fejn ser jitpoggew il-Bring in Sites.

12.24. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.25. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.26. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jikteb ittra lis-sur Norman Darmanin Demajo jifrahlu ghall-kariga tieghu bhala President ta' l-MFA.

12.27. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.28. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.29. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jibghat ittra ta' kondoljanzi lis-sinjura De Marco u l-familja taghha ghat-telfa ta' l-Ecc. President Emeritus Dr. Guido Demarco.

12.30. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

12.31. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.32. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Ufficcju tal-President kienu talbu li jinbidlu d-dati tal-mawra taz-zjara tal-President fil-lokal fejn issa qed jipproponu l-24 u t-28 ta' Novembru 2010.

12.33. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni kif ukoll li l-Kunsill ghandu jipprepara rapport tal-mawra.

12.34. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.35. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.36. B'riferenza ghall-Minuti 16/K6/2010 item 11.50 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li dejjem jekk jaccetta l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, id-dikasteru ta' l-ambjent ghandu jerga' jmur lura ghandu wara li kien qed jirrinunzja minnu l-Kunsillier Joe Brincat, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill, li l-Kunsill kien ghadu ma rcieva xejn ufficjali minghand il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli.

12.37. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li kien qed jirrifjuta d-dekasteru ta' l-ambjent u ppropona li s-Sindku Joe Zammit ikun responsabbli minn dan id-dikasteru ta' l-Ambjent ukoll.

12.38. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.39. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.40. Is-Sindku Joe Zammit accetta din ir-responsabilita' izda talab biex il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli jibqa jaghti daqqa t'id ghax huwa jkun hafna aktar fil-Kunsill.

12.41. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fid-9.55pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 15 ta' Settembru 2010 fil-5.30 pm.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit | Kevin Borg |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |